L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority

# Skema ta' xandiriet għall-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 2019

## Introduzzjoni

Nhar is-Sibt 25 ta' Mejju 2019, minbarra l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew se jsiru wkoll l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali fil-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex. Skont Artiklu 13(4) tal-Att Dwar ix-Xandir, l-Awtorità tax-Xandir għandha d-dmir li torganizza skema ta' xandiriet politiċi speċifikament għal dawn l-elezzjonijiet.

L-iskema tikkonsisti f'dawn il-programmi:

(a) Dibattiti politiċi
(b) Spots u produzzjonijiet tal-Partiti
(c) Intervisti ta' 4 minuti mal-kandidati indipendenti jew għaqdiet, inkluż il-partiti li mhux se jikkontestaw f'aktar min-nofs il-lokalitajiet.

L-iskema tinqasam fuq erba' ġimgħat li tibda fis-26 ta' April sat-23 ta' Mejju 2019.

### Dibattiti:

L-iskema se tkun qed tkopri tliet dibattiti politiċi, bl-ewwel żewġ dibattiti se jkollhom żewġ rappreżentanti tal-Partit Laburista u żewġ rappreżentanti tal-Partit Nazzjonalista; u fit-tielet dibattitu se jkunu qed jieħdu sehem rappreżentant minn kull partit li se jkun qed jikkontesta l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali f'aktar minn lokalità waħda.

Kull dibattitu għandu tul ta' 45 minuta u jinqasam f'żewġ partijiet. Is-suġġetti jintgħażlu mill-Awtorità u huma indikati f'Appendiċi 3 ta' dan l-istess dokument.

It-total ta' 3 dibattiti se jkunu mqassma kif ġej:-
Is-sekwenza tittella' bil-polza kif jidher aktar 'il quddiem f'dan id-dokument

<table>
<tr><td colspan="3">Partit Laburista</td><td colspan="2">Partit Nazzjonalista</td></tr>
<tr><td colspan="3">Partit Laburista</td><td colspan="2">Partit Nazzjonalista</td></tr>
<tr><td>Partit Laburista</td><td>Partit Nazzjonalista</td><td>Alternattiva Demokratika</td><td>Partit Demokratiku</td><td>Moviment Patrijotti Maltin</td></tr>
</table>

L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority

It-tqassim tal-ħin tal-ewwel żewġ dibattiti huwa indikat hekk kif ġej:-

**Running order tal-ewwel żewġ dibattiti huwa kif ġej:-**

| | |
|---|---|
| Sigla u introduzzjoni | 3 minuti |
| Partit Laburista (Kelliem 1) | 5 minuti |
| Partit Nazzjonalista (Kelliem 1) | 5 minuti |
| Partit Nazzjonalista (Kelliem 2) | 5 minuti |
| Partit Laburista (Kelliem 2) | 5 minuti |
| Partit Laburista (Kelliem 1) | 5 minuti |
| Partit Nazzjonalista (Kelliem 1) | 5 minuti |
| Partit Nazzjonalista(Kelliem 2) | 5 minuti |
| Partit Laburista (Kelliem 2) | 5 minuti |
| Għeluq u Sigla | 2 minuti |

Is-sekwenza ta' min se jiftaħ u jagħlaq id-dibattitu tittella' bil-polza. Is-sekwenza li tkun intuzat fl-ewwel dibattitu talterna fit-tieni dibattitu.

Minħabba li f'dawn id-dibattiti se jkun hemm żewġ rappreżentanti għaż-żewġ partiti li jkunu se jieħdu sehem, qabel ir-recording jiġi ddetterminat min ser ikunu l-kelliema 1 u 2 għall-partiti. Dan isir permezz ta' konferma mir-rappreżentanti tal-partiti preżenti qabel ir-recording jew mill-kelliema infushom.

**Running order tat-tielet dibattitu huwa kif ġej*:-**

| | |
|---|---|
| Sigla u introduzzjoni | 3 minuti |
| Partit Laburista | 5 minuti |
| Partit Nazzjonalista | 5 minuti |
| Alternattiva Demokratika | 3 minuti |
| Moviment Patrijotti Maltin | 3 minuti |
| Partit Demokratiku | 3 minuti |

| | |
|---|---|
| Partit Laburista | 5 minuti |
| Partit Nazzjonalista | 5 minuti |
| Alternattiva Demokratika | 3 minuti |
| Moviment Patrijotti Maltin | 3 minuti |
| Partit Demokratiku | 3 minuti |
| | |
| Għeluq u Sigla | 3 minuti |

***L-ordni tal-interventi se jkunu qed jittellgħu bil-polza. Il-ħinijiet allokati mal-partiti huma fissi kif jidhru hawn fuq.**

**Proċedura Ġenerali**

Ix-xandiriet tad-dibattiti jsiru fuq TVM2 fid-20:45 kull nhar ta' Erbgħa u simultanjament fuq Radju Malta.

Ix-xandiriet ta' spots u produzzjonijiet jixxandru fuq TVM jew TVM2 skont it-talba tal-partit u abbażi tal-ħin u l-kundizzjonijiet imsemmija f'din l-iskema.

**Proċedura tad-dibatitti**

F'każ li partit jonqos li jattendi dibattitu, id-dibattitu jsir kif ippjanat b'erba' partiti li jkun fadal. Il-ħin tal-partit li jonqos li jattendi jinqasam pro-rata bejn il-parteċipanti l-oħra. F'każ fejn żewġ partiti jonqsu milli jipparteċipaw għad-dibattitu, it-tliet partiti l-oħra li jkun fadal fid-dibattitu jieħdu t-tul tal-ħin stabbilit lilhom fl-iskema mingħajr ma jinqasam il-ħin pro rata. L-istess jiġri f'każ li jieħdu sehem żewġ partit jew partit wieħed biss.

Bdil ta' parteċipanti jitħalla biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali u jrid isir bil-miktub. Dan jerġa' jiġi kkomunikat lill-partijiet l-oħra.

F'każ li recording ikun se jsir nhar ta' Tnejn, allura l-ismijiet KOLLHA jridu jiġu kkomunikati lill-Awtorità sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa. F'każ li r-recording isir f'xi ġurnata oħra tal-ġimgħa l-ismijiet għandhom jiġu kkomunikati lill-Awtorità 48 siegħa qabel.

Id-dibattiti jiġu rrekordjati minn qabel. Il-prassi tkun li r-recording ta' kull programm

isir dakinhar stess fl-istudios tal-PBS. Il-partiti jiġu mgħarrfa bil-ħin u d-data tar-recording bil-miktub mill-Awtorità.

Huwa l-obbligu tal-partiti li jiżguraw li jinfurmaw lir-rappreżentanti li se jieħdu sehem fil-programm bil-ħin tar-recording. L-Awtorità se tkun qed tikkomunika dak kollu li għandu x'jaqsam ma' din l-iskema bil-miktub (permezz ta' emails u ittri) ma' żewġ rappreżentanti li jkun innomina l-partit u li l-Awtorità tkun infurmata bihom qabel ma jibda t-tħaddim ta' din l-iskema.

Kull partit għandu d-dritt li jinnomina żewġ rappreżentanti biex jattendu għal kull programm bħala osservaturi. L-ismijiet u n-numru tal-karta tal-identità ta' dawn l-individwi għandhom jaslu għand l-Awtorità 24 siegħa qabel ir-recording tal-programm. Ħadd aktar ma jitħalla jidħol fil-bini tal-PBS jekk ma jkunx awtorizzat li jagħmel dan. Dawn ir-rappreżentanti ma jistgħux jibqgħu fl-istudio meta jkun qed isir ir-recording tal-programm.

L-ebda persuna ma titħalla toqgħod fl-istudio jew fil-control room meta jibda r-recording. Ir-rappreżentanti tal-partiti kif ukoll ġurnalisti li jagħmlu talba sabiex isegwu l-programm għandhom jagħmlu dan mill-kmamar, identifikati apposta mill-Awtorità, fil-bini tal-PBS. Il-ġurnalisti u l-camerapersons li jiġu jirrapurtaw id-dibattitu, wkoll iridu jagħtu n-numru tal-karta tal-identità lill-Awtorità filgħodu kmieni dakinhar stess li jkun se jiġi rrekordjat il-programm.

Filmati u ritratti tad-dibattiti jistgħu jittieħdu biss qabel ma jibda l-programm. Min jiġi tard għal dawn id-dibattiti ma jitħalliex jidħol fl-istudio.

Il-kontenut ta' kull programm huwa meqjus embargoed sakemm jixxandar fuq TVM2/Radju Malta. Ġurnalisti jingħataw l-opportunità li jsegwu r-recording ħalli jkunu jistgħu jagħmlu r-rapporti tagħhom.

**Format tad-dibattitu**

Is-suġġetti magħżula u skedati għad-dibattiti jinsabu f'Appendiċi 3.

Mhux permessibbli li xi partit jagħmel użu minn produzzjoni waqt xi dibattitu u lanqas mhu permessibbli li jinġiebu xi posters jew banners għal waqt id-dibattitu.

Iċ-Chairperson li jmexxi dawn il-programmi se jkun parteċipattiv fis-sens li t-temi jiġu diskussi minn qabel mal-parteċipanti. Il-parteċipanti kollha f'dawn il-programmi għandhom joqogħdu għall-istruzzjonijiet u d-direzzjoni mogħtija miċ-Chairperson waqt il-programm.

Għażla tac-chairperson ta' dawn il-programmi :-

- Melvic Zammit

**Intervisti:**

**Kandidati Indipendenti inklużi kandidati f'isem għaqdiet, gruppi jew partiti li mhux se jikkontestaw f'aktar minn nofs il-lokalitajiet**

Kull għaqda, grupp jew partit li mhux se jikkontestaw f'aktar min-nofs il-lokalitajiet, se jkollhom intervista ta' 4 minuti anke jekk ikun hemm aktar minn kandidatura waħda fi ħdan dawn il-formazzjonijiet. Intervista ta' 4 minuti se tingħata ukoll lill-kandidati indipendenti. Dawn l-intervisti jiġu rrekordjati fl-istudios tal-PBS f'ħin li jkun mgħarraf minn qabel u se jkunu qed jixxandru fuq TVM2 fil-11 jew fit-12 ta' Mejju. L-ordni ta' kif se jixxandru dawn l-intervisti tiġi determinata bil-polza.

**Spots/ Produzzjonijiet:**

| **Numru ta' lokalitajiet li se jiġu kkontestati f'Isem Partit** | **Ħin ta' spots** |
|---|---|
| | |
| Minn 1 sa 5 lokalitajiet | Total ta' 3 minuti |
| Minn 6 sa 25 lokalità | Total ta' 15-il minuta |
| Minn 26 lokalità 'il fuq | Total ta' 30 minuta |
| | |

**Format**

Kull spot/produzzjoni tal-partiti jrid ikollha l-logo tal-partit (jew inizjali) jidher fin-naħa t'isfel tal-iscreen.

L-ispots/produzzjonijiet għandhom jingħataw fuq pen drive jew external disc jew bil-we transfer. Il-partiti għandhom jiżguraw li l-format li fuqu jitwassal l-ispot/produzzjoni skont l-ispecifications annessi ma' din l-iskema. L-Awtorità tirriserva d-dritt li ma xxandarx l-ispot f'każ ta' diffikultatjiet tekniċi.

Kull spot irid ikun maħdum skont l-ispecifications indikati f'Appendiċi 1.

**Skedar**

L-ispots jistgħu jiġu skedati fuq TVM kif ukoll fuq TVM2 kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd matul l-erba' ġimgħat li tkopri din l-iskema.

Ma jistgħux jiġu skedati spots bejn it-20:00 sas-01:00 tal-14, 16 u t-18 ta' Mejju 2019.

Mingħajr preġudizzju għall-punti preċedenti, l-ispots jistgħu jixxandru fi kwalunkwe ħin tal-ġurnata magħżula mill-Partiti. F'każ li spot jew produzzjoni tiġi inkluża waqt programm u dan il-programm ikollu ripetizzjoni matul ħin ieħor, din l-ispot/produzzjoni ma terġax tixxandar.

Ma jistax ikun hemm iktar minn spot wieħed għal kull partit fil-batch ta' reklami qabel l-aħbarijiet tat-20:00. L-ebda spot ma jitħalla jixxandar waqt il-break kummerċjali tal-aħbarijiet tat-20:00. F'każ li jkun hemm booking għal slot wara l-bulettin tal-aħbarijiet dan ikun ifisser li l-ispot jixxandar wara l-aħbarijiet finanzjarji.

Il-booking ta' kull spot għandu jsir b'mod ċar u indikat eżatt f'liema slot u sekwenza li l-partit ikun irid jurih (per eżempju: l-ewwel spot fl-ewwel break tal-programm Y). Jekk ikun hemm talba li spot jixxandar qabel il-programm, dan ikun ifisser qabel is-sigla tal-programm.

F'każ ta' sensiela ta' spots ta' partiti differenti li jixxandru wara xulxin, dawn jinfirdu b'jingle ta' TVM jew tal Awtorità.

F'każ li jkun hemm aktar minn booking wieħed għall-istess ħin, tinħadem sistema ta' rotazzjoni li tiġi kkomunikata lill partiti. Din tinħadem ġimgħa ġimgħa.

**Timings**

Minn total ta' 30 minuta ta' spots/produzzjonijiet jistgħu jintużaw massimu ta' 6 minuti fl-aħħar ġimgħa tal-kampanja, u ċjoè bejn it-Tnejn 20 u l-Ħamis 23 ta' Mejju. Minn dan il-massimu ta' 6 minuti, fl-aħħar ġimgħa, kull partit jista' jagħmel użu minn total ta' 10 spots ta' 10 sekondi.

Minn total ta' 15 minuti ta' spots/produzzjonijiet jistgħu jintużaw massimu ta' 3 minuti fl-aħħar ġimgħa tal-kampanja u ċjoè bejn it-Tnejn 20 u l-Ħamis 23 ta' Mejju. Minn dan il-massimu ta' 3 minuti, fl-aħħar ġimgħa, kull partit jista' jagħmel użu minn

total ta' 10 spots ta' 10 sekondi.

Minn total ta' 3 minuti ta' spots/produzzjonijiet jistgħu jintużaw massimu ta' 1 minuti fl-aħħar ġimgħa tal-kampanja u ċjoè bejn it-Tnejn 20 u l-Ħamis 23 ta' Mejju. Minn dan il-massimu ta' minuta (1), fl-aħħar ġimgħa, kull partit jista' jagħmel użu minn total ta' 6 spots ta' 10 sekondi.

Kull spot għandu jkun ta' minimu ta' 30 sekonda u ma jkunx itwal minn ħames minuti. Madankollu kull partit jista' jagħmel mhux aktar minn total ta' 5 minuti (inkluż il-proporzjon tal-aħħar ġimgħa) li jikkonsistu fi spots ta' 10 sekondi. Jekk il-partiti ma jużawx il-minuti allokati fi spots b'10 sekondi, dawn ma jintilfux u jistgħu jintużaw b'duration differenti.

Jekk xi partit ma jagħmilx użu mill-ħin allokat għalih għal spots/produzzjonijiet assenjati lilu skont din l-iskema, allura jintilef id-dritt tal-ħin allokat għalih.

**Proċedura**

Il-bookings tal-ispots/produzzjonijiet għandhom isiru mad-Dipartiment tal-Monitoring fuq bażi ta' ġimgħa ġimgħa. Għalhekk, għal finijiet tal-elezzjoni għal Kunsilli Lokali, il-ġimgħat se jinqasmu minn nhar ta' Tnejn sal-Ħadd bl-aħħar ġimgħa tkun bejn it-Tnejn u l-Ħamis ta' qabel il-votazzjoni. (bejn it-Tnejn 20 u l-Ħamis 23 ta' Mejju)

Il-bookings ta' kull ġimgħa għandhom jaslu għand l-Awtorità sa mhux aktar tard mill-Ħamis tal-ġimgħa ta' qabel ma jkunu se jintwerew il-produzzjonijiet/spots. Kull produzzjoni/spot għandha tasal għand l-Awtorità 24 siegħa qabel ma tkun se tixxandar. L-Awtorità tirriserva d-dritt li tikkanċella booking ta' spot jew produzzjoni f'każ li dan ma jasalx għand l-Awtorità 24 siegħa qabel m'għandu jixxandar. F'każ li spot ikun se jixxandar is-Sibt jew il-Ħadd, dan għandu jasal għand l-Awtorità sa nofsinhar tal-Ġimgħa.

L-istess spot ma jistax jintuża għaż-żewġ skemi.

Huma l-uffiċjali tal-Awtorità tax-Xandir li jikkordinaw mal-PBS għax-xandir tal-ispot u produzzjoni. Il-kopja oriġinali tal-ispot tintbagħat lill-Awtorità u tkun din l-istess kopja li l-uffiċjali tal-Awtorità jwasslu għand il-PBS. Mhux permess li partit jiddepożita spot/produzzjoni direttament għand il-PBS.

F'każ li spot ma jixxandarx minħabba qtugħ fit-trasmissjoni tas-sistema 'free to air' il-

partiti milquta jkollhom id-dritt li jxandru tali spots f'ħin ieħor wara li jsir ftehim mal-Awtorità. Qtugħ fit-trasmissjoni tfisser qtugħ fis-sors tal-istazzjon (i.e. TVM) u mhux qtugħ f'xi lokalità jew lokalitajiet.

Il-partiti jintrabtu li jiffirmaw l-indemnity form annessa ma' din il-proċedura. Din għandha tasal għand l-Awtorità sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa 24 ta' April 2019. Ma jitħallewx jixxandru spots jew produzzjonijiet sakemm il-partit ma jkunx iddepożita l-indemnity form mal-Awtorità tax-Xandir.

L-Awtoritá tfakkar li f'każ fejn ikun hemm użu ta' minuri fi spots jew produzzjonijiet politiċi, il-partiti għandhom jaraw li jkun hemm bil-miktub il-kunsens tal-ġenituri. F'każ li jkun hemm tfal f'attivitajiet politiċi dawn għandhom jintwerew b'mod inċidentali mingħajr il-ħtieġa ta' użu ta' close ups jew teknika oħra.

L-Awtorità tax-Xandir iżżomm il-jedd tal-copyright tat-trasmissjonijiet kollha li jsiru f'din l-iskema.

## Appendiċi 1

### TECHNICAL STANDARDS FOR TELEVISION POLITICAL SPOT DELIVERY

Filming should be done by a camera utilizing at least three ½" (or greater) sensor array with a native resolution of not less than 1920 by 1080 pixels (HD), and a frame rate of 25 Frames interlaced with 50 fields , PAL 625.

All material must be shot in true, full height 16x9. The picture must contain a minimum of 1000 PAL television lines of active picture and a pixel aspect ratio of 1:1. Everything must be framed 16x9. All action, text and any legal info must be within the safe area.

Programme levels must not exceed the below when correctly lined up to bars and tone:

Luminance must not exceed 1v (100%) or go below blanking level (.3v)

Chroma must be legal in all domains i.e. RGB, YUV etc and must not exceed the gamut limit.

Relative timings of luminance and chrominance must not exceed +/- 20ns.

The audio record level must be related accurately to the line-up levels. Tracks 1 & 2 programme peak sound levels must not exceed line-up levels by more than -8dBu. Audio tracks must be accurately matched, correctly balanced and in-phase throughout.

Audio will be supplied transported and wrapped within the MXF Op1a file specification. The audio should be sampled at 48 KHz with 24 bits per sample. Digital reference level should be set to -18dbfs. Maximum peak should be at -12 dbfs.

The timecode should be continuous and start at 01.00.00.00.

## Appendiċi 2

### Form of Indemnity in connection with Local Council Elections

Today the day of April 2019 each of the political parties, movements and independent candidates here undersigned taking part in the scheme of Political Broadcasts organised by the Broadcasting Authority for the period _______to ______ shall not knowingly include in any political spot or message provided by them in any manner whatsoever and in particular whether by way of visual images, sounds, words, music, pictorial representations or actions any defamatory, seditious, libellous, offensive or any matter which constitutes an injurious falsehood or slander of title or any tort or of an infringement of any monopoly, copyright, trademark, patent or other similar criminal offence or contempt of court or breach or Parliamentary privilege or which violates the provisions of any law and shall at all times indemnify and keep the Authority, the PBS Limited and the other political parties and movements and independent candidates participating in this scheme indemnified from and against all claims, costs, damages, penalties, expenses and proceedings occasioned to or incurred by the Authority and the political parties and movements and independent candidates in consequence of the inclusion (whether knowingly or not) in any party production or political spot provided by them of any such matter.

Provided that this Indemnity is being limited to the extent that the Broadcasting Authority, PBS Limited and the other political parties, movements and independent candidates participating in this scheme may have as a result of the above been ordered to pay such claims, costs, damages, penalties, and expenses, judicial or otherwise, by a court of law in a final judgment.

Provided also that the Broadcasting Authority, PBS Limited and/or the other political parties, movements and independent candidates, as the case may be, shall not later than eight days after a claim is made inform the political party, movements and independent candidates concerned of the claim and/or judicial or other proceedings against them as aforesaid, and such political party, movements and independent candidates shall be entitled to assist and defend jointly with the Broadcasting Authority, PBS Limited and/or other political party, movements and independent candidates the said claim.

For and on behalf of (insert name of political party) where applicable ____________________

Name and surname ____________________

Official Position in the Political Party/Movement where applicable ____________________

Date ____________________

Signature ____________________

**Appendiċi 3**

**Suġġetti maħsuba għall-programmi relatati mal-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali**

| | | |
|---|---|---|
| Dibatittu 1 | 1 ta' Mejju 2019 | Il-fondi mhaddma mill-Kunsilli Lokali |
| Dibatittu 2 | 8 ta' Mejju 2019 | L-ambjent u l-infrastruttura fil-lokalitajiet |
| Dibatittu 3 | 15 ta' Mejju 2019 | Ir-relevanza li għandhom il-Kunsilli Lokali għaċ-ċittadin |

## Appendiċi 4

**DIBATTITI**

**2019**

| Tnejn | Tlieta | Erbgħa | Ħamis | Ġimgħa | Sibt | Ħadd |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 |
| 29 | 30 | Mejju 1 Dibattitu Kunsilli Numru 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| 6 | 7 | 8 Dibattitu Kunsilli Numru 2 | 9 | 10 | 11 Intervisti | 12 Intervisti |
| 13 | 14 | 15 Dibattitu Kunsilli Numru 3 | 16 | 17 | 18 | 19 |
| 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | |